MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 212/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Infurna**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Emanuel Infurna, karta ta' l-identita` numru 21468(A), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'risoluzzjoni wahda, bejn is-26 ta' Novembru 2011 u s-7 ta' Frar 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Silvana Infurna u/ jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/ jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum

li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' April 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 talġLigijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Emanuel Infurna ħati u kkundannatu xahar priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Infurna ppreżentat fil-25 ta' April 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfont tiegħu u fin-nuqqas tapplika piena inqas oneruża;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba peress illi hu nieqes element essenzjali tar-reat, u ċioe` li m'hemm l-ebda ordni ta' Qorti u lanqas ma l-appellant huwa marbut b'xi kuntratt għall-ħlas ta' manteniment. Kull ma hemm huwa verbal li permezz tiegħu l-partijiet qablu dwar il-ħlas ta' manteniment provviżorju; (2) li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, jekk din il-Qorti tqis l-imsemmi verbal bħala ordni tal-Qorti, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) marret *extra petita* peress illi t-talba li kienet għamlet il-*parte civile* kienet sabiex l-appellant jallontana ruħu mid-dar matrimonjali; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ewwel Qorti kellha ssegwi l-prinċipju *in dubio pro reo* stante li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni stante li naqset tipprova element essenzjali ta' l-imputazzjoni, u cioe` jekk il-verbal in kwistjoni jikkostitwix ordni tal-Qorti.

**6.** Mill-atti jirriżulta illi l-*parte civile* Sylvana Infurna, mart l-appellant, kienet intavolat rikors fid-29 ta' April 2011 quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fejn talbet li dik il-Qorti "jogħġobha tordna illi l-intimat jallontana ruħu mid-

dar matrimonjali, u għal dan il-għan tagħti kwalunkwe provvedimenti li jkunu jidhrilha xierqa u opportuni”. Waqt seduta quddiem dik il-Qorti fit-13 ta’ Settembru 2011 ġie verbalizzat hekk:

**“Meta ssejjaħ ir-rikors dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr. Graziella Bezzina u deher l-intimat assistit minn Dr. Paul Borg.**

**“Il-Qorti wara li semgħet id-difensuri tal-partijiet u wara li semgħet il-konvenut jgħid li mingħajr preġudizzju tal-meritu huwa ser jallontana ruħu mid-dar konjugali mhux aktar tard mit-Tlieta, 20 ta’ Settembru 2011, u l-Qorti tordna li provviżorjament l-intimat jallontana ruħu mid-dar matrimonjali sa din id-data.**

**“Il-partijiet jaqblu li l-manteniment provviżorju ta’ mija u ħamsin euro (150) fil-ġimgħa dovuti lill-attriċi għal manteniment tat-tfal minuri għandhom jitħallsu mill-intimat fil-kont bankarju numru 061080404050 fil-Bank HSBC.**

**“Ir-rikors bi qbil tal-partijiet qed jiġi differit *sine die*.”**

**7.** Irrispettivament min-natura tat-talba fir-rikors promotur, din il-Qorti m’għandha l-ebda dubju li l-paragrafu f’dan il-verbal li jittratta dwar il-manteniment huwa ftehim milħuq bejn il-partijiet, u huwa ftehim vinkolanti. Fl-Appell Ċivili Inferjuri fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Grezzju Farrugia et** deċiża fis-16 ta’ Marzu 2005, intqal:

“(3) Huwa maghruf ukoll illi verbal mizmum mir-Registratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi-kuntratt gudizzjali (**Kollez. Vol. XXIX P I p 768; Vol. XXXVII P I p 99**);

“(4) Li jfisser li ‘*il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della controversia*’ (**Kollez. Vol. XXVI P I p 225**). Dan fuq il-bazi tal-massima ‘*in judiciis quasi contrahitur*’.”

**8.** Il-paragrafu (z) ta’ l-artikolu 338 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jistipula li huwa ħati ta’ kontravvenzjoni kull min meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b’kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma. Din il-Qorti m’għandha l-ebda dubju li l-ftehim imsemmi jikkostitwixxi “kuntratt” għall-finijiet ta’ dan l-artikolu 338(z) u għalhekk inforzabbli. Għalhekk l-aggravji kollha ta’ l-appellant huma miċħuda.

**9.** Issa, fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2013 quddiem din il-Qorti, l-Avukat Dottor Angelo Farrugia għall-appellant informa lill-Qorti li l-appellant kien dispost iħallas is-somma dovuta minnu bħala manteniment permezz ta’ żewġ pagamenti rateali. Sallum, nonostante li għaddew kważi seba’ xhur, l-appellant baqa’ ma għamel l-ebda pagament.

**10.** Quddiem din il-Qorti hemm żewġ appelli separati kontra l-istess appellant. Dan l-appell li jittratta l-perijodu mis-26 ta’ Novembru 2011 sas-7 ta’ Frar 2012 u l-appell numru 292/12 li jittratta perijodu sussegwenti mill-14 ta’ Frar 2012 sat-3 ta’ April 2012. Din il-Qorti ma tistax, pero`, tinkorporahom fi proċess wieħed jew f’sentenza waħda. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deċiża fit-3 ta’ Novembru 1995 (Vol. LXXIX.v.1678):

**“… din il-Qorti ma tistax tordna li t-tliet proċessi jew it-tliet sentenzi diġa` mogħtija jiġu inkorporati fi proċess wieħed jew f’sentenza wahda – ebda disposizzjoni tal-liġi ma tawtorizża li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-liġi hu li jekk il-Qorti (li tista’ tkun anke l-Qorti ta’ Prim’Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f’kawżi separati kellhom jiġu ttrattati bħala reat kontinwat f’kawża waħda, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi.”**

**11.** F'dan il-każ hekk sejra tagħmel din il-Qorti sabiex tieħu in konsiderazzjoni l-piena mogħtija fl-appell numru 292/12 deċiż illum stess.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Emanuele Infurna għal xahar priġunerija u minflok tikkundannah għal ġimagħtejn detenzjoni, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------